MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 63/2004

**John David Attard Montalto**

**vs**

**Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur John David Attard Montalto w il-konvenuta Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto zzewgu fil-14 ta' Awissu 1974 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok "JAM1";

Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi kien marbut ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u nvalidu skond il-ligi;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-14 ta’ Awissu 1974 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-22 ta’ April 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw l-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto, datata 26 ta’ Mejju 2004, a fol. 11 fejn qalet bir-rispett:

1. Illi hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti fuq il-provi li ngibu quddiemha;

2. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 12 u fol. 13 tal-process.

Rat l-affidavit tal-konvenuta Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto a fol.14 tal-process.

Rat l-affidavit Carmelina sive Marlene Bonnici li tigi ohrt il-konvenuta a fol. 15 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 2 ta' Gunju 2004 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u dak ta' Dr. Michael Schriha.

Rat il-verbal datat 2 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti konfermat id-digriet tal-affidvit moghti fit-22 ta' April 2004.

Rat ir-rikors tal-partijiet datat 2 ta' Gunju 2004, fejn talbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti biex tirrikjama l-kawza ghat-trattazzjoni finali possibilment ghas-17 ta' Gunju 2004 u dan salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet datat 8 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-attur John David Attard Montalto, datata 16 ta' Gunju 2004, li permezz taghha prezenta l-affidavit ta' Arlette Grech, ta' Mara Peralta, ta' Jane Muscat u ta' Maryanne Frendo.

Rat il-verbal datat 17 ta' Gunju 2004, fejn il-kawza giet thalliet ghas-sentenza ghat-22 ta' Gunju 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto** u ta' ohtha **Carmelina sive Marlene Bonnici** li gew prezentati flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-26 ta' Mejju 2004. Tali affidavit jinsabu a fol. 14 u fol. 15 tal-process. Rat l-affidavit tal-attur u ta' Dr. Michael Schriha li gew prezentati permezz ta' nota datata 2 ta' Gunju 2004. Rat ukoll l-affidavit ta' Arlette Grech, ta' Mara Peralta, ta' Jane Muscat u ta' Maryanne Frendo li gew prezentati permezz ta' nota datata 16 ta' Gunju 2004.

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fit-tieni (2) premessa tac-citazzjoni l-attur qal *"illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"* liema premessa qieghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tilett (3) permessa tac-citazzjoni l-attur qal *"Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur"*

Illi **l-artikolu 19 (1) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

(f) *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

(g) *"jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll

dik parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min <u>esternament</u> ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun <u>internament</u> u <u>b'att pozittiv tal-volonta tieghu</u> qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci

jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'**"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f'**"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi l-attur jirreferi wkoll ghall**-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

## iii APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kategorikament jghid li huwa qatt ma ried tfal minn dan iz-zwieg mal-konvenuta, u dan jammetti li kien jghidu appertament kemm qabel u kemm wara z-zwieg, ghaliex skond huwa kellu *"aversjoni ghat-trabi".* Ix-xhieda tal-attur hija fil-fatt konsistenti fuq dan il-punt u l-konvenuta tikkorobora t-tezi tal-attur sal-inqas dettal tant li hija tghid li mill-ewwel innotat li l-istess attur kellu *"antipatija kbira ghall-kuncett ta' tfal u li kienu jdejquh hafna".* Tirrakonta li huwa kien jevita n-neputijiet taghha u in generali jidher li l-attur ghamel bhala kondizzjoni tal-istess zwieg li ma jkollhux tfal.

Illi dwar dan huwa kkoroborat mill-habib tieghu Dr. Michael Schiriha li jghid li l-attur konsistentement kien jghid li ma riedx tfal. Tant li l-istess xhud sostna li kien jevita li jkun hemm kliem mieghu dwar tfal. Dan kollu huwa kkonfermat minn Arlette Grech li tigi kugina tal-attur, minn Mara Peralta, minn Jane Muscat u minn Maryanne Frendo. Mix-xhieda ta' dawn il-persuni jirrizulta li l-attur tkellem ma' diversi persuna dwar il-punt li huwa ma riedx li

jkollu tfal, anzi kien juri ruhu avvers ghall-istess ideja nnifsha.

Illi abbazi tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti fl-atti processwali jirrizulta li allura l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien simulat *stante* li eskluda *a priori* d-dritt ta' prokreazzjoni tal-ulied mill-istess zwieg, u dan fih innifsu jmur kontra l-kuncett taz-zwieg, peress li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg. In-negazzjoni ta' dan l-element baziku taz-zwieg in verita' hija n-negazzjoni taz-zwieg innifsu. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju, dan dejjem abbazi tal-provi prodotti, l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien simulat minn naha tal-attur. *Stante* li ghalkemm appartament ta l-kunsens tieghu ghall-istess, in realta' huwa kien qed jaghmel dan bl-esklussjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi kardinali tal-kuncett taz-zwieg, u b' hekk il-kunsens tieghu jirrizulta li kien simulat, kollox kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq l-ammisjoni tal-konvenuta, **tilqa' talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-14 ta' Awissu 1974 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------